Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Josef Cachia

Vs

Meli Car Rentals Ltd – Natalino Meli

CCT 181/24/MM

Illum, 11 ta' Marzu 2025

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ippreżentat fid-19 ta' Awwissu 2024 fejn talab is-somma ta' tmien mija u wieħed u ħamsin ewro (€851), rappreżentanti l-ispiża li nefaq biex isewwi problema fis-sistema tal-air condition tal-vettura tiegħu li baqgħat ma ssewwitx.

Ra r-risposta tal-intimat.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ħa l-vettura tiegħu ossia Peugeot 405 bin-numru ta' reġistrazzjoni JOS 405 għand is-soċjeta' intimata Meli Car Rentals Ltd għal tiswijiet stante li kellu xi ħsara bis-sistema tal-arja kundizzjonata (AC) minħabba li l-gass kien qiegħad joħroġ kollu f'temp ta' ġurnata. Huwa jsostni li s-soċjeta' intimata naqset milli tirranġa l-ħsara u minkejja diversi żjarat, xogħol u bdil ta' parts fuq il-vettura u ħafna assigurazzjonijiet, is-sistema tal-AC kompliet tnixxi l-gass fi żmien ta' madwar 24 siegħa. Illi r-rikorrenti jilmenta li wara li saru t-tiswijiet għal darba, darbtejn, huwa kien assigurat li wara li saret sostituzzjoni ta' komponenti speċifiċi (kompressur, swiċċ tal-pressjoni, u pajpijiet) l-problema kienet

issolviet, iżda kif ħareġ il-vettura mill-garage, irriżulta li l-problema kienet għadha hemm. Illi finalment ir-rikorrenti jilmenta li wara li daħħal il-vettura għat-tiswija għat-tielet darba, ir-rappreżentant tas-soċjeta' intimata qaltlu li l-ħsara kienet ġejja mill-evaporatur u l-kawża kienet minħabba li tali evaporator ma felaħx għall-intensita tan-nitrogen li ntuża waqt l-ittestjar tas-sistema tal-AC. Illi r-rikorrenti jilmenta li s-soċjeta' intimata ma nfurmatux dwar ir-riskji li potenzjalment kien hemm matul it-tiswija u l-ittestjar u jargumenta li qatt ma ġie mwissi li l-ittestjar u t-tiswijiet jistgħu jwasslu għal aktar ħsara jew spejjeż addizzjonali.

Illi s-soċjeta' intimata ċaħdet ir-responsabbiltà u targumenta li l-vettura hija antika stante li għandha aktar minn tletin (30) sena u s-sistema tal-AC hija kumplessa u mikula, li tagħmilha diffiċli biex jiġu djanjostikati l-kwistjonijiet kollha f'daqqa. Illi madankollu tgħid li t-tiswijiet kienu meħtieġa u miftiehma mal-istess rikorrent u fil-fatt kien qabel u kkonferma kull bidla ta' kwalsiasi *part* qabel ma saret tali bidla. Illi s-soċjeta' intimata tgħid li r-rikorrent kien inżamm infurmat bit-telefon matul il-proċess kollu. Illi għar-rigward tal-*parts,* is-soċjeta' intimata tisħaq li l-kompressur kien tabilħaqq difettuż, iżda jiddikjaraw li partijiet qodma oħra, bħall-evaporatur, jistgħu wkoll kienu qed jikkawżaw xi tnixxija ta' gass, iżda huma ma setawx jikkonfermaw dan mingħajr ma jżarmaw id-dashboard – proċedura li r-rikorrent ma kienx awtorizza. Illi għall-kuntrarju ta' dak li jallega r-rikorrent huma jeskludu li kkaġunaw ħsara lill-evaporatur iżda jgħidu li dan seta' falla minħabba l-età twila u ż-żmien tal-użu. Illi s-soċjeta' intimata tenfasizza li tat skont lir-rikorrenti u ma talbitx flus għal xi testijiet li għamlet, u għalhekk jidhrilhom li huwa dejjem aġixxew b'mod ġust.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "*l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah*" waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, "*Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib.*"

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

Ikkunsidra

Ir-rikorrent qabbad lis-soċjeta' intimata biex tispezjona l-vettura tiegħu u ssib tarf tal-problema li kellu bl-AC tal-vettura. Illi m'huwiex kontestat li meta r-rikorrenti ħa l-vettura ghand is-soċjeta' intimata l-ewwel darba, din ċertament kellha *leak* fis-sistema tal-AC. Illi wara l-ewwel intervent ir-rikorrent ħallas is-somma ta' €654.51 nhar is-16 ta' April 2024. Illi mhux kontestat li l-għada u ċioe' is-17 t'April 2024, il-gas tal-AC kien illikja kollu. Illi r-rikorrent ġie mitlub jerġa jieħu l-vettura għat-tiswija u din id-darba ħallas is-somma ta' €197.19 iżda għall-darb oħra, l-gas tal-AC reġa illikja kollu f'temp ta' 24 siegħa.

Illi r-rikorrenti daħħal il-vettura għat-tiswijja għat-tielet darba u din id-darba l-partijeit ma jaqblux fuq il-fatti. Ir-rikorrent jgħid li Natalino Meli għan-mom tas-soċjeta' intimata qallu li l-evaporatur kien sofra ħsara waqt li kien qed isir it-testing u dan affetwa s-sistema tal-AC. Pero; fir-risposta tagħha s-soċjeta intimata teskludi dan il-fatt u fl-affidavit tiegħu l-istess Natalino Meli jgħid hekk:

"6. *Lanqas ma naqbel mal-allegazzjoni li l-evaporator tas-sistema gie dannaggjat waqt ix-xoghlijiet. Fl-ewwel lok, dan lanqas biss intmess ghax biex tasal ghalih, trid izzarma d-dashboard kollu tal-karozza. Biex jinqala' d-dashboard huma involuti spejjez konsierevoli u f'vettura ta' dik l-eta' u kundizzjoni, hija operazzjoni mill-aktar riskjuza minhabba li l-plastik ikun misjur u jaf jinqasam b'mod irreparabbli. Fil-fatt, ir-rikorrent qatt ma tana struzzjonijiet jew hallas sabiex jigi zarmat id-dashboard. Fit-tieni lok, ir-rikorrent ma tana l-ebda struzzjonijiet biex immissu l-evaporator, tenut kont tal-fatt ukoll li kif spjegat, irid bil-fors jinqala' d- dashboard sabiex wiehed jasal ghalih.*

7. Nghid li l-ittestjar tas-sistema irid isir permezz ta' nitrogen gas u ma neskludix li jista' jkun li l-partijiet rimanenti (qodma) mis-sistema ma felħux ghall-pressioni appena gew testjati. Jista' jkun li fallew ukoll minhabba li kien ghadu kemm gie installat kompressur gdid fjamant li allura jopera at fult capacity. Jigi mfakkar li ahna gejna nkarigati li naghmlu tiswijiet specifici biss u mhux li naqilghu is-sistema kollha, li kif wiehed jista' facitment jobsor fija ghexieren ta' components differenti li lkoll jistghu ifallu u allura is-sors ta' Ieak mhux assolutament determinabbli diment li ma taqtax is-sistema kollha."

Għalhekk, il-kwistjoni ewlenija hija jekk ix-xogħol li għamlet is-soċjeta' intimata kienx bżonnjuż u jekk is-sistema taLl-AC baqat bil-ħsara minħabba xi ħtija tas-soċjeta' intimata.

Illi t-Tribunal m'għandux għarfien espert mekkaniku u ma jistax jivverifika b'mod indipendenti l-kawża tat-tnixxija jew jekk ix-xogħol tal-konvenut kienx difettuż. L-attur ma ppreżentax rapport ta' espert indipendenti jew talab lit-Tribunal biex jaħtar espert tekniku, li kien ikun meħtieġ biex tiġi stabbilita b'ċertezza risposta għad-domandi li għamel dan it-Tribunal. Illi pero' wieħed jifhem (u hawn jidhol is-sens tal-ekwita') li r-rikorrenti ma setax

ihalli l-vettura, għal ċertu tul ta' żmien inevitabbli, biex tiġi spezzjonata minn espert maħtur waqt il-proċeduri preżenti. Illi mingħajr kontribut ta' espert, it-Tribunal ikollu jibbaża ruħu fuq l-ispjegazzjonijiet li jagħtu l-partijiet.

Ikkunsidra

It-Tribunal iqis li hawn irid izomm quddiem ghajnejh tliet konsiderazzjonijiet bażiċi:-

a) F'sede ċivili il-prova mressqa minn min imiss li jagħmel dan mhux neċessarjament tkun ta' ċertezza assoluta iżda prova trid xorta ssir. Hawn bizzejjed prova fuq bażi ta' probabiltajiet u meqjus dak *id quod prelumque accidit,* imma l-prova trid, wieżed itenni, issir.

b) It-Tribunal irid, statutorjament jiggwida ruħu wkoll minn prinċipji ta' ekwita', iżda dawn jippresupponi prova li, jekk ma tkunx forsi għal kollox preċiża, turik imma, b'indikazzjonijiet ċari, x'titlob il-ġustizzja.

c) Meta klijent bħall-attur jitlob servizz, dan għandu jingħatalu *secundum artem* bħala l-korrispettiv tal-ħlas li jsir mill-klijent.

Fil-kaz prezenti l-attur qed jitlob kumpens minhabba hsarat u tiswija hazina fil-vettura tieghu li hu fada f'idejn is-socjeta' intimata.

Illi mhux kontestat li r-rikorrenti inizjalment kien assigurat b'mod espliċitu li s-sostituzzjoni tal-kompressur, is-swiċċ tal-pressjoni, u l-pajpijiet ser issolvi l-kwistjoni tat-tnixxija AC, iżda l-istess problema baqat' tippersisti. Is-soċjeta' intimat għażlet li taħdem fuq il-vettura minkejja ż-żmien tagħha, jiġifieri aċċettat ir-riskji assoċjati mat-tiswija ta' vettura ta' 30 sena. Fil-fehma tat-Tribunal is-soċjeta' intimata l-ewwel kellhom jagħmlu dijanjosi u jinfurmaw lill-klijent b'mod ċar qabel ma jibdew xi xogħol. Jekk dijanjosi xierqa kienet tirrikjedi ż-żarmar tas-sistema kollha, huma kellhom jew jirrifjutaw ix-xogħol għal kollox jew jgħamluha ċara lir-rikoreenti li se jkunu qed jirrangaw biss il-ħsarat li jidhru immedjatament (bħall-kompressur), filwaqt li jwissu li jista' jkun hemm ħsarat oħra mhux viżibbli f'dan l-istadju. Illi minflok, is-soċjeta' intimata iggarantixxiet li t-tiswijiet tagħhom

ser isolvu l-problema minkejja li kienu jafu li hemm *"għexiren ta' components differenti li lkoll jistghu ifallu u allura is-sors ta' leak mhux assolutament determinabbli diment li ma taqtax is-sistema kollha"* (paragrafu 7 tal-Affidavit ta' Natalino Meli). Illi dan irriżulta fir-rikorrent iħallas għal parta ġodda iżda xorta kellu sistema tal-AC li ma tiffunzjonax. Dan jammonta għal servizz fqir u possibilment misrappreżentazzjoni da parti ta-ssoċjeta' intimata.

Illi t-Tribunal lanqas ma jemmen li s-soċjeta' intimata għamlet ittestjar intensiv u dan stante li l-vettura daħlet lura fil-garage għall-tlett darbiet. Illi kull dabra r-rikorrent kien jinforma lis-soċjeta' intimata li l-ħsara ma ssewitx inqas minn 24 siegħa wara li tkun suppost issewwiet. Għalhekk huwa evidenti li t-tiswijiet ma laħqux l-iskop maħsub tagħhom u s-soċjeta' intimata għandha terfa' r-responsabbiltà.

Illi l-fatt innifsu li l-vettura dahlet għat-tiswija għal tlett darbiet, tagħti l-impressjoni lil dan it-Tribunal li fil-każ odjern is-soċjeta' intimata ma ħadmitx skont is-sengħa u l-arti u iżjed donnha bdiet tesperimenta milli ssolvi l-problema. Dan il-każ jirrifletti *a trial and error approach* aktar milli dijanjosi serja u sistematika. Minflok ma ra x'kienet is-sors tal-problema, is-soċjeta' intimata għażlet li tibdel il-parts waħda waħda, bit-tama li ssolvi l-kwistjoni. Dan il-metodu wassal għal inċertezza u dubju dwar jekk l-ispejjeż li nefaq ir-rikorrent kienux bla bżonn, peress li kien ripetutament assigurat li kull bidla se tirranġa l-problema, biss it-tnixxija tal-gass baqat tippersisti.

Illi għalhekk dan kollu magħdud ifisser fiċ-ċirkostanzi, il-verżjoni tar-rikorrent hija iktar verosimili jew plawsibbli u għalhekk l-attur irnexxilu jissodisfa l-oneru tal prova illi fuq bażi ta' bilanċ ta' prbabbilitajiet mill-preponderanza tal-provi is-soċjeta' intimata naqset milli teżegwixxi x-xogħolijiet skont is-sengħa u l-arti.

Illi għar-rigward ta' kwantifikazzjoni tad-danni, t-Tribunal huwa tal-fehema li l-*parts* mibdula se jibqaw fil-vettura u se jibbenefika minnhom ir-rikorrent u għalhekk it-Tribunal ser ikun qiegħad jilqa' t-talba parzjalment biex jiehu in kunsiderazzjoni dan il-fatt.

Deċiżjoni

Ghall-motivi senjalati dan it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement wara li qies ic-ċirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal qiegħad jistabbilixxi l-ammont ta' danni *arbitrio boni viri* fis-somma ta' sitt mija ui ħamsin ewro (€650) u qed jordna lis-soċjeta intimata tħallas lir-rikorrenti din is-somma hekk likwidata fi żmien ġimgħa mil llum.

L-ispejjeż ta' din is-sentenza huma bla taxxa bejn il-partijiet.

Avv. Dr Martha Mifsud
Arbitru